Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 15/2017/1

**Vincent Carabott (appellant)**

**Vs**

**Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xoghol u l-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Ghalliema f'Malta (appellati)**

25 ta' Marzu, 2019.

1. Il-kaz hu dwar ir-rikorrent li hu ghalliem u li b'ittra tas-7 ta' Frar, 2017 kien gie nfurmat mill-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Ghalliema f'Malta li tnehhitlu l-*warrant* ta' ghalliem ghaliex kien instab hati ta' reat u kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ta' sena sospiza ghal sentejn. Il-Kunsill ibbaza d-decizjoni tieghu fuq l-artikolu 30(1)(a) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327). Il-Kunsill infurmah ukoll li jkun possibbli ghalih li jerga' japplika ghall-*warrant*.

2. B'sentenza tal-21 ta' Mejju, 2018 it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva cahad it-talba tar-rikorrent sabiex ihassar id-decizjoni tal-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Ghalliema f'Malta. It-Tribunal irraguna li ghar-reat li tieghu r-rikorrent instab hati hemm mahsub ghalih piena ta' iktar minn sena prigunerija.

3. B'rikors prezentat fil-5 ta' Gunju, 2018 ir-rikorrent appella mis-sentenza bl-aggravji jkunu li t-Tribunal:

   i. Applika l-artikolu 30(1)(a) tal-Att Dwar l-Edukazzjoni b'mod zbaljat;
   ii. Ghamel apprezzament hazin tal-ligi fir-rigward tal-pubblikazzjoni tat-tehid tal-*warrant* mill-Kunsill.

4. Fil-kawza **Il-Pulizija vs Vincent-Martin Carabott** b'sentenza tal-14 ta' Ottubru, 2015 l-appellant kien instab hati li wettaq ir-reat kontemplat fl-artikolu 93(1) tal-Kodici Kriminali, meta hedded imhallef. Il-qorti kkundannat lill-appellant ghal tnax-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn u kkundannatu multa ta' €1,200. L-appellant appella u b'sentenza tas-27 ta' Ottubru, 2016 l-appell kien michud u s-sentenza tal-ewwel qorti konfermata.

5. L-artikolu 93(1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi li min jinstab hati ta' ingurja jew theddid ta' imhallef, l-Avukat Generali, magistrati, jew gurat waqt li jkun qieghed jaqdi d-dmirijiet tieghu, jehel piena ta' prigunerija **minn disa' sa tmintax-il xahar** u ghal multa ta' mhux inqas minn €500 u mhux izjed €1,500.

6. L-artikolu 33(1) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 372) jipprovdi:

> *"(1) Ebda persuna ma tikkwalifika li tikseb jew* ***ma ghandha zzomm warrant*** *skont dan l-Att jekk dik il-persuna tkun instabet hatja minn qorti ta' gurisdizzjoni kriminali:*
>
> *(a)* ***Ta' xi delitt li ghalih hemm piena ta' iktar minn sena prigunerija****; jew*
> *(b) Li abbuzat mill-fiducja tal-istudenti jew talli ghamlet uzu minn vjolenza fuqhom; jew*
> (c) *Ta' xi delitt li minhabba fih dik il-persuna fil-fehma tal-Kunsill tista' ma tkunx idonea li tipprattika ta' ghalliem fi skola".*

7. Ir-reat li tieghu l-appellant instab hati m'ghandu x'jaqsam xejn mal-qadi ta' dmirijietu bhala ghalliem. L-appellant kien ghaddej minn proceduri ta' separazzjoni u waqt seduta quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) li fiha kien qieghed jinstema' rikors fejn martu talbet li jkun zgumbrat mid-dar matrimonjali, tawwal ilsienu bla bzonn u spicca jingurja u jhedded lill-gudikant li kienet qeghda tippresjedi s-seduta.

8. Il-piena ghad-delitt li tieghu nstab hati l-appellant tvarja bejn **disa' xhur u tmintax-il xahar**. Ghalhekk ghad-delitt li wettaq seta' kien kundannat piena massima ta' tmintax-il xahar, li hi iktar mis-sena li tissemma f'paragrafu (a). Hi mbaghad fid-diskrezzjoni tal-qorti ta' gurisdizzjoni kriminali jekk l-appellant kellux ikun ikkundannat ghal piena inqas.

9. Jibda biex jinghad li ghal finijiet ta' paragrafu (a) tal-artikolu 30(1) tal-Kap.327 mhux importanti x'piena jkun inghata l-ghalliema, imma x'piena jgorr id-delitt li jkun instab hati li wettaq l-ghalliem.

10. L-appellant instab hati li ngurja u hedded gudikant, u ghal dak ir-reat hemm piena ta' iktar minn sena prigunerija. Il-fatt li l-qorti ghandha diskrezzjoni li ma tatix dak il-massimu ta' piena, xorta jibqa' li ghal dak id-delitt il-ligi qeghda tikkontempla piena ta' *'iktar minn sena prigunerija'*. M'hemmx dubju li ma jistax jinghad li l-piena ta' prigunerija ghad-delitt li wettaq l-appellant hi ta' inqas minn sena, u anzi l-appellant seta' ġie kkundannat għall-piena ta' iktar minn sena. Ghaldaqstant, il-qorti taqbel mal-interpretazzjoni li ta t-Tribunal.

11. Ir-riferenza li l-appellant ghamel ghall-paragrafu (c) tal-istess disposizzjoni ma tghinux. Id-diskrezzjoni tal-Kunsill hi biss fir-rigward ta' dawk id-delitti li ma jaqghux taht paragrafu (a), igifieri fejn id-delitt ikun igorr piena ta' inqas minn sena prigunerija.

12. Fir-rigward tat-tieni aggravju, subinciz (2) tal-artikolu 30 jipprovdi:

> *"(2)* ***Meta persuna titlef il-warrant*** *wara li tkun insabet ħatja skont ma hemm fis-subartikolu ta' qabel dan,* ***għandu jingħata avviż ta' dak it-telfien mill-Ministru fil-Gazzetta*** *u dan it-tagħrif jitwassal mill-Kunsill lill-persuna skwalifikata, kemm il-darba l-persuna ma tkunx ġiet interdetta*

*bis-sentenza nnifisha, u lill-Prinċipal tal-Kulleġġ u lill-Kap ta' skola li jimpjegawh meta jkun il-każ".*

13. Mill-provi rrizulta li:-

i. B'ittra datata 7 ta' Frar, 2017 l-appellant kien infurmat mill-Kunsill li tnehhitlu l-*warrant* permanenti ta' ghalliem.
ii. Fl-14 ta' Frar, 2017 l-appellant ippropona l-kawza fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva.
iii. Fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern tat-28 ta' Frar, 2017 kien pubblikat avviz li l-appellant ma kienx ghadu kwalifikat biex ikollu *warrant* ta' ghalliem. Fl-avviz jinghad li l-*warrant* tal-appellant thassret b'sehh mis-27 ta' Ottubru, 2016 li hi d-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell.

14. Jidher li l-avviz li jinghata mill-Ministru hu ghal finijiet ta' pubblicita. Il-qorti fehmet li fil-kazijiet kontemplati f'paragrafi (a) u (b) ta' subinciz (1) tal-artikolu 33, il-*warrant* tintilef bis-sahha tas-sejbien ta' htija tad-delitti li jissemmew f'dawk il-paragrafi u mhux b'xi decizjoni tal-Ministru jew awtorita ohra. Ghaldaqstant, il-*warrant* ma tintilifx bl-avviz tal-Ministru. Tant hu hekk li l-ligi tipprovdi li, *"Meta persuna titlef il-warrant ...... ghandu jinghata **<u>avviz ta' dak it-telfien</u>** mill-Ministru fil-Gazzetta"*. Ghalhekk l-avviz li l-Minstru ghall-Edukazzjoni jippubblika fil-Gazzetta tal-Gvern m'huwiex decizjoni ta' telfien ta' *warrant*. F'dawk iz-zewg kazijiet m'hemmx deskrizzjoni. Imbaghad hi l-ligi stess li tikkontempla l-possibilita' li ghalliem jerga' japplika biex jinghata lura l-*warrant* ta' ghalliem wara li jkun tilifha (artikolu 33).

15. F'kull kaz fir-rikors promotur li l-appellant ipprezenta fit-Tribunal, l-ilment kien spjegat hekk:

> *"Illi barra minn hekk jidher car li sad-data tal-ittra l-Ministru ma kienx ghamel l-avviz fil-Gazzetta tal-Gvern, kif mitlub minn Artikolu 30(2) tal-Att dwar l-Edukazzjoni.* ***B'hekk dan l-artikolu jirrikjedi li sabiex it-thassir ta' warrant isehh ikun hemm zewg avvizi wiehed mill-Ministru fil-Gazzetta tal-Gvern u iehor mill-Kunsill intimat lir-rikorrenti.*** *Jidher li l-procedura stipulata mill-artikolu ma kienx gie konkluz bl-avviz mill-Ministru".*

16. Mill-provi rrizulta li l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern saret fit-28 ta' Frar, 2017. Ghalhekk hi x'inhi l-posizzjoni, l-avviż ingħata.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.